MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 635/1990/2

**Lawrence Magro**

**v.**

**Angela Busuttil**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

F'din il-kawża l-attur qed jitlob il-ħlas għal xogħol li għamel għall-konvenuta meta din kienet għarusa ma' ibnu.

Iċ-ċitazzjoni, ipprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Lulju, 1990, tgħid illi l-attur kien imqabbad biex jagħmel xogħol ta’ bini u xogħlijiet oħra fuq il-plot numru disgħa (9), May Way, Triq Santa Katerina, il-Qrendi. Dak iż-żmien il-konvenuta kienet għarusa ma’ ibnu, u għalhekk ma sarx ftehim minn qabel dwar il-prezz jew kumpens għax-xogħol ta’ l-attur. Wara, il-konvenuta u iben l-attur ħassru l-għerusija, u għalhekk l-attur talab lill-konvenuta tħallas għax-xogħol li għamlilha. Il-konvenuta aċċettat, u qabbdet perit biex joħroġ il-kont. Billi, iżda, ma qablitx mar-rati u mal-kont maħruġa mill-perit, ipproponiet rati aktar baxxi minn dawk tas-suq.

L-attur għalhekk qiegħed jitlob li l-Qorti tgħid x’għandu jieħu tax-xogħol li għamel fil-post tal-konvenuta, u tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma li tiġi hekk likwidata, flimkien ma’ l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ mandat ta’ sekwestru tat-18 ta’ Ġunju 1990 u ta’ ittra uffiċjali tat-2 ta’ Novembru 1989, u l-imgħax minn dakinhar meta saret l-ittra uffiċjali.

Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talbiet ta’ l-attur waqgħu bi preskrizzjoni taħt l-Art. 2149(a) u 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

2. ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn il-konvenuta u l-attur;

3. hi qatt ma qabbdet lill-attur jagħmel xi xogħol: jekk l-attur kien imqabbad minn xi ħadd kien imqabbad minn ibnu Carmelo, u għalhekk jekk qiegħed jippretendi xi ħlas għandu jitlob lil ibnu;

4. ħafna mix-xogħol li għamel l-attur sar ħażin u mhux kif iridu l-arti u s-sengħa; u

5. ħafna mix-xogħol li qiegħed jippretendi ħlas għalih l-attur sar mill-konvenuta.

**Sentenzi:**

F'dawn il-proceduri nsibu qabel xejn sentenza preliminari moghtija fil-31 ta' Mejju, 1996 li kkunsidrat diversi eccezzjonijiet preliminari u li minnha kien gie intavolat appell u dik tat-8 ta' Mejju, 2006, li llikwidat l-ammont dovut lill-attur a tenur ta' dak li kien inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-appell.

Fis-sentenza tat-8 ta' Mejju, 2006, li minnha qed jigi intavolat appell, l-ewwel Qorti osservat is-segwenti:

"B'sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 1996, fejn hemm imfissra wkoll il-fatti li wasslu għall-kawża, din il-Qorti kienet ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni u laqgħet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet għax sabet illi bejn il-partijiet ma kienx hemm ir-relazzjoni ta' bejn min jagħti x-xogħol u kuntrattur. Ordnat iżda illi jitkompla s-smigħ tal-kawża sabiex tkun mistħarrġa l-kwistjoni jekk, fuq l-atti ta' din il-kawża, l-attur setax jingħata ħlas għar-raġuni illi l-konvenuta ma għandhiex tistagħna bit-telf tiegħu.

"L-attur appella minn dik is-sentenza u l-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell: ikkonfermat is-sentenza safejn din kienet ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, ħassritha safejn laqgħet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet, u ċaħdet dawk l-eċċezzjonijiet billi sabet illi:

"*… … … teżisti relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti fis-sens li l-konvenuta hija debitriċi f'ammont li jrid jiġi likwidat bħala import tax-xogħlijiet esegwiti mill-attur biex inbniet id-dar fuq l-art tagħha. Konsegwentement, l-eċċezzjoni in disamina mhix fondata u għandha tiġi miċħuda billi l-konvenuta effettivament tat ix-xogħol lill-attur meta hija kienet aċċettat li l-għarus jinkariga lill-attur.*"

"Il-Qorti ta' l-Appell qalet ukoll illi "*mhux il-każ illi din il-qorti* [i.e. il-Qorti ta' l-Appell] *tiddisturba d-diskrezzjoni użata mill-ewwel qorti fl-apprezzament tal-provi*", u għalhekk effettivament approvat il-valutazzjoni li għamlet l-ewwel qorti meta din ta' l-aħħar kienet qalet illi "*l-ħsieb ta' l-attur li jitħallas għax-xogħol jidher li nħoloq wara li l-konvenuta u ibnu ħassru l-għerusija*". Għalhekk, għalkemm, kif tgħid is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, kien hemm relazzjoni

ġuridika bejn il-partijiet f'din il-kawża, dik ir-relazzjoni ma jidhirx li kienet waħda ta' appalt kummerċjali fejn l-attur kien qiegħed jistenna li jitħallas b'rati kummerċjali —kif jidher illi qiegħed jippretendi issa — u huwa xieraq illi fil-likwidazzjoni tal-ħlas li jmiss lill-attur il-qorti tqis illi, fil-waqt meta nħolqot ir-relazzjoni, il-ħsieb tal-partijiet kien illi l-attur jaġevola lil dik li kienet sejra tkun il-mara ta' ibnu."

Fis-sentenza taghha tat-8 ta' Mejju 2006 l-ewwel Qorti ddisponiet finalment mill-vertenza bil-mod segwenti:
"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tillikwida l-ħlas li jmiss lill-attur għal xogħlijiet li għamel fl-interess tal-konvenuta fis-somma ta' sitt elef, disa' mija u sitta u disgħin lira u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm6,996.46), tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata flimkien ma' l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni u l-imgħaxijiet minn dakinhar meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju."

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tal-ħlas.

"Il-perit legali mqabbad minn din il-qorti sab illi x-xogħlijiet li għamel l-attur jistgħu jinqasmu fi tnejn:  xogħol ta' bini u xogħlijiet oħra.

"Dwar ix-xogħol ta' bini l-perit legali kien qagħad fuq l-istima magħmula mill-perit tekniku, ukoll maħtur mill-qorti, u illikwida l-valur ta' dan ix-xogħol fis-somma ta' sitt elef, mitejn u tlieta u għoxrin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm6,233.26), u lil din il-qorti wkoll jidhrilha illi għandha toqgħod fuq l-istima tal-perit tekniku maħtur minnha.  Il-perit legali iżda naqqas din is-somma għal ħamest elef u sitt mitt lira (Lm5,600) għax kien sab illi waqt ix-xogħol l-attur kien megħjun minn ibnu, dak iż-żmien għarus tal-konvenuta, u l-attur ma għandux jitħallas għal xogħol li għamel ħaddieħor.

"L-attur ma qabilx ma' din il-konklużjoni, u fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu qal illi l-konvenuta ma tidaħalx fir-relazzjoni tiegħu ma' min għenu waqt ix-xogħol, u ma tiħux benefiċċju minn dik ir-relazzjoni;  wara kollox,

kompla jgħid l-attur, ir-responsabbiltà ta' kuntrattur taqa' fuqu waħdu, u, kif, quddiem min tah ix-xogħol, ma jaqsamx dik ir-responsabbiltà ma' min għenu, hekk ukoll il-ħlas ma għandux jaqsmu ma' min għenu.

"Dan l-argument ta' l-attur kien ikun tajjeb li kieku l-ftehim bejn il-partijiet kien wieħed ta' appalt b'rati kummerċjali, iżda ma kienx hekk, u fil-waqt meta sar ix-xogħol il-ftehim bejn il-partijiet ma kienx illi l-attur jitħallas għal xogħol illi ibnu għamel bil-ħsieb li jkun għalih stess.

"Il-qorti għalhekk tillikwida l-ħlas li jmiss lill-attur għax-xogħol ta' bini fis-somma ta' ħamest elef u sitt mitt lira (Lm5,600).

"Għax-xogħlijiet l-oħra il-perit legali illikwida ħlas fis-somma ta' elf, tliet mija u sitta u disgħin lira u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm1,396.46). L-attur jikkritika din il-likwidazzjoni, l-aktar għall-istess raġunijiet għala ikkritika l-likwidazzjoni tal-ħlas għax-xogħol ta' bini, i.e. għax qiegħed jippretendi ħlas b'rata kummerċjali u li jitħallas ukoll għal xogħol li għamel ibnu. L-attur ma qabilx ukoll mal-konklużjoni tal-perit legali meta dan emmen lill-konvenuta meta din qalet illi hi wkoll għenet fix-xogħlijiet.

"Il-qorti ma tarahiex xi ħaġa kbira illi temmen lill-konvenuta meta tgħid illi hi wkoll għenet fix-xogħol. Kienet qiegħda taħdem ma' dak li kellu jkun żewġha u ma' dak li kellu jkun missier żewġha, u għalhekk kienet aktar qrib tagħhom milli kienet tkun ma' ħaddiema barranin. Barra minn hekk, ma ninsewx ukoll illi r-relazzjoni bejn il-partijiet ma kinitx waħda kummerċjali: il-konvenuta kienet qiegħda taħdem biex tgħin lil min kien qiegħed igħinha, u wkoll għax dak li kienet qiegħda tagħmel kienet qiegħda tagħmlu fi ħwejjiġha, fl-interess tagħha stess.

"Il-qorti għalhekk taqbel ma' l-istima li l-perit legali ta lix-xogħol tal-konvenuta; taqbel ukoll illi l-attur ma għandux jitħallas għax-xogħol li għamel ibnu u ma għandux jitħallas b'rati kummerċjali. Taqbel ukoll mal-likwidazzjoni magħmula mill-istess perit."

**L-appell tal-konvenuta.**

Il-konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza moghtija fit-8 ta’ Mejju, 2006 hawn fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fil-25 ta’ Mejju, 2006 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti “*filwaqt li tikkonfermaha fejn illikwidat l-ammont dovut lill-attur fis-somma ta’ sitt elef u disa’ mija u sitta u disghin lira u sitta u erbghin centezmu (LM6,996.46) u ordnat lill-konvenuta thallas lill-attur din is-somma flimkien ma’ l-ispejjez tal-kawza, thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti ta’ l-istess sentenza fejn il-konvenuta giet ikkundannata thallas l-imghax minn dak inhar meta saret it-talba ghall-hlas b’att gudizzjarju u minflok tordna li l-imghaxijiet huma dekorribbli biss mid-data tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*”

L-attur ipprezenta mhux biss risposta dwar dan l-aggravju mressaq mill-konvenuta izda intavola ukoll **appell incidentali**, fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi (1) fl-ewwel lok tichad l-appell tal-konvenuta appellata u tikkonferma minflok dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-konvenuta thallas l-imghax fuq l-ammont dovut mid-data meta saret talba ghall-hlas b’att gudizzjarju; u (2) tilqa’ l-appell incidentali tieghu u tillikwida l-bilanc ta’ l-ammont dovut fis-somma mitluba mill-attur kif tirrizulta mill-kontijiet tal-perit inkarigat mix-xoghol. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta u bl-imghax mid-data ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Novembru, 1989.

**Ikkunsidrat dwar l-appell principali tal-konvenuta.**

Jidher li l-uniku aggravju tal-konvenuta kontra s-sentenza fuq riportata jikkoncerna d-data minn meta ghandu jibda jiddekorri l-imghax fuq is-somma likwidata. L-ewwel Qorti ipprovdiet dwar it-talba ghall-hlas ta’ l-imghaxijiet kif kontenuta fic-citazzjoni fejn intalab li jithallsu imghax “*minn dakinhar meta saret l-ittra ufficjali*” billi ordnat li “*l-*

*imghaxijiet* [jiddekorru] *minn dakinhar meta saret talba ghall-hlas b'att gudizzjarju.*"

Is-sottomissjoni tal-konvenuta hija bazata principalment fuq ir-regola generalment segwita li "*in illiquidis non fit mora*" u cioe` li ma jiddekorrix imghax fuq ammont li ghadu mhux likwidu u determinat. L-appellanti targumenta li "*fil-kaz in ezami, la fl-ittra ufficjali ma nsibu talba ghall-ammont determinat u lanqas fic-citazzjoni ghaliex it-talba hija talba biex il-Qorti tillikwida.*" Din l-asserzjoni izda hija kontradetta mill-attur li fir-risposta tieghu jghid li "*mhux minnu li ma saret ebda talba ghall-ammont determinat* 'la fl-ittra ufficjali …… u lanqas fic-citazzjoni'. *Fl-ittra ufficjali tieghu tat-2 ta' Novembru 1989 (notifikata fis-7 ta' Novembru 1989), l-attur talab lill-konvenuta thallsu LM7,598.14 prezz ta' xoghol ta' kostruzzjoni skond il-kont tal-Perit Fred Valentino, u LM4,236.36 ta' diversi xoghlijiet ohra skond kont ta' l-istess perit.*" Din l-asserzjoni ma tidhirx kontestata mill-istess konventa appellanti, anzi sahansitra, fir-risposta taghha ghall-appell incidentali ta' l-attur hija tirrikonoxxi l-fatt li kienet saret interpellazzjoni lilha fejn kienu ssemmew xi ammonti. Infatti fis-sottomissjonijiet li saru b'risposta ghall-aggravju ta' l-attur li ma kienux gew akkolti li stimi tal-perit Valentino l-istess konvenuta tghid espressament hekk: "*Ma jirrizultax illi fil-process jezistu xi stimi tal-perit Valentino. Hemm biss referenza ghal dawn l-istimi fl-ittra ufficjali ta' l-attur datata 5 ta' Mejju 1986.*" Fil-verita` l-istess konvenuta kienet ipprezentat kopja ta' l-ittra ufficjali mibghuta lilha fit-2 ta' Novembru, 1989 [hawn fuq imsemmija mill-attur] u dana b'nota tat-12 ta' Jannar, 2005 [fol. 201 tal-process] li tikkonferma ezattament dak li qed isostni l-attur u cioe` li kienet saret interpellazzjoni gudizzjarja ghall-hlas ta' ammonti determinati kif hawn fuq inghad.

Jidher ghalhekk li l-ewwel Qorti kienet pienament korretta meta ikkundannat lill-konvenuta thallas lill-attur l-imghax fuq l-ammont likwidat mid-data ta' l-interpellazzjoni. Il-fatt li l-ammont eventwalment likwidat ma jikkorrispondix ma' l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali fuq imsemmija ma ghandu ebda relevanza billi "*il piu comprende il meno*" [Ara f'dan

ir-rigward Appell Superjuri Civili Ellul vs Ellul Vincenti 21 ta' Jannar, 2005 fejn gie ritenut li meta ssir talba ghall-ammont determinat il-Qorti tista` tordna li jibdew jiddekorri l-imghax mid-data tal-perzentata tac-citazzjoni anke meta l-ammont eventwalment likwidat jkun *inferjuri ghal dak indikat.*] Il-gurisprudenza hija konkordi li, anke f'dan il-kaz, ghandu japplika l-principju enuncjat fl-Artikolu 1139 tal-Kap 16 li meta l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' <u>somma determinata</u>, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkolha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena; u dak li hemm provdut u fis-sub artikolu (2) ta' l-artikolu 1141 li l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju.

L-aggravju tal-konvenuta appellanti ghalhekk mhux gustifikat u ser jigi michud b'dana pero` li ssir referenza ghac-cedola ta' depozitu ipprezentata fir-Registru tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Gunju, 2006 li permezz taghha l-konvenuta iddepozitat is-somma ta' LM6,996.46 imsemmija fis-sentenza tat-8 ta' Mejju, 2006 bil-kondizzjoni li dik is-somma "*tigi liberalment sbankata mill-intimat purche` jhalli debita ricevuta*" u tiddikjara li l-konvenuta <u>ma ghandhiex thallas ebda imghax ulterjuri fuq l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti wara d-data tan-notifika lill-attur ta' l-istess cedola jew tar-rikors u d-digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta' Lulju, 2006</u> u dana billi l-ammont likwidat kien a disposizzjoni ta' l-istess attur minn dik id-data. Salv dejjem l-imghax dekors fuq l-istess somma kif ordnat l-ewwel Qorti.

**Dwar l-appell incidentali.**

Kif gia` rajna l-attur ressaq appell incidentali fir-rigward tas-sentenza finali tal-prim istanza fuq riportata. F'dan l-appell l-attur qed jilmenta principalment fuq il-mod kif gie ikkalkolat l-ammont dovut lilu kemm ghax-xoghlijiet strutturali kif ukoll ghal *finishings* u partikolarment jlmenta wkoll dwar it-tnaqqis li ghamlet l-ewwel Qorti. Hu bazikament ressaq erba' ilmenti u cioe`:-

a) Illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ikkunsidrat li l-attur kien haqqu prezz imnaqqas.
b) Illi li stima tal-Perit Valentino kellha tigi segwita billi kien il-perit inkarigat mill-konvenuta, kien hu li applika ghall-permessi w generalment kien f'qaghda ahjar biex jistma' x-xoghol.
c) Illi ma kellu jsir ebda tnaqqis minhabba l-kontribuzzjoni ta' iben l-attur.
d) Illi l-kontribuzzjoni tal-konvenuta fl-esekuzzjoni tal-*finishings* hija merament allegazzjoni

**Ikkunsidrat:-**

**Dwar tnaqqis fil-kumpens.**

L-attur isostni li r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti ma kienet xejn hlief wahda ta' bejn appaltant u appaltatur u bhala konsegwenza huwa kellu jithallas b'rati kummercjali. Biss din is-sottomissjoni ma taghmilx sens billi minn imkien ma jirrizuta li r-rati uzati ghall-"*mano d'opera*" ta' l-attur ghall-kostruzzjoni tal-binja "gebel u saqaf" kienu mod iehor. Infatti l-perit Rene' Buttigieg, inkarigat mill-Qorti, mkien ma jghid fir-rapport tieghu, li kien qed juza xi rati specjali; anzi l-istess perit a fol. 17 tar-rapport tieghu, ighid espressament "*Illi x-xoghol ezegwit mill-attur, ser jigi stmat, a bazi tax-xhieda tieghu*…" Illi lanqas f'dan ir-rigward ma jista' l-attur jippretendi, kif qed jippretendi, li l-ewwel Qorti kellha tistrieh fuq li stimi tal-Perit Valentino billi, ghalkemm ordnat mill-Qorti biex jipproduci li stimi ta' dan il-Perit, liema stimi jissemmew fl-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru, 1989, dawn mhux biss qatt ma gew ezebiti talli l-istess perit Valentino qatt ma gie prodott bhala xhud.

Illi t-tnaqqis li effettwat l-ewwel Qorti fl-ammont likwdat mill-Perit Tekniku ghax-xoghol fuq il-binja kien jirrispekkja l-kontribut li kien ta' iben l-attur fil-kostruzzjoni – ghalkemm dan it-tnaqqis kien gie likwidat "*arbitrio boni viri*". Din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghalha ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward billi huwa evidenti li jekk parti mix-xoghol sar mill-iben, li ma huwiex *parte in causa,* il-konvenuta ma ghandhiex tigi kundannata thallas ghax-xoghol ezegwit minn persuna li

ma rreklamat ebda kumpens ghas-servizzi taghha. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Dwar liema stima kellha tigi adottata.**

Hawn qed jigi sottomess li gialadarba l-perit inkarigat mix-xoghlijiet kien il-perit Valentino l-ewwel Qorti kellha toqghod fuq li stima tieghu u twarrab dik tal-perit minnha inkarigat billi l-istess perit Valentino kien f'posizzjoni li jivvaluta ahjar x-xoghlijiet ezegwiti.

Hawn jerga' jinghad li ghalkemm jissemma' l-Perit Valentino dan la xehed u lanqas gew ezebiti l-istimi allegatament maghmula minnu. Inoltre jigi ukoll osservat li jirrizulta li l-kont mahdum mill-istess Perit Valentino kien minn dejjem kontestat mill-konvenuta u sahansitra kienu gew inkarigati diversi periti ohra biex jippruvaw iwasslu lill-partijiet fi ftehim. Dan apparti l-fatt li ghalkemm fl-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru, 1989 tissema l-figura ta' LM7,598.14 bhala "*prezz ta' xoghol ta' kostruzzjoni fil-post*" *de quo*, fin-nota deskrittiva li l-attur ghamel biex tingieb a konjizzjoni tal-perit legali Dr Borg Costanzi li kellu jirrelata fuq l-valur tal-*"Finishings"* l-attur jindika dan l-ammont bhala prezz ta' *finishings*. Ghalhekk l-ammont indikat fl-ittra ufficjali huwa suspett u ma jista' jwassal lil din il-Qorti ghal ebda konkluzzjoni. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**Dwar tnaqqis minhabba l-ghajnuna moghtija minn iben l-attur.**

Dan l-aggravju huwa ripetizzjoni ghal dak li gia` intqal fir-rigward ta' l-ewwel aggravju u din il-Qorti ma tara ebda raguni ilghala ghandha tiddipartixxi minn dak li gie ritenut aktar 'l fuq anke jekk, kif qed jissottometti l-attur, li gialadarba huwa responsabbli legalment ghall-kostruzzjoni ghandu jithallas l-ammont kollu involut u dana b'riflezzjoni ukoll ghan-natura specjali tar-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti.

**Dwar il-finishings.**

L-attur qed jilmenta li kull tnaqqis li sar fil-kont tal-*finishings* mhux gustifikat billi dan huwa bazat fuq semplici allegazzjoni tal-konvenuta. Biss din il-Qorti tosserva li dawn il-*finishings* qatt ma gew ezaminati u elenkati minn xi espert imqabbad mill-Qorti u giet biss ikkunsidrata lista li pprezenta l-attur, fuq ordni tal-Qorti, kif ukoll il-kummenti ghall-istess maghmula mill-konvenuta.

Illi l-konvenuta minn dejjem sostniet li hija kienet ezegwit hafna mix-xoghol ghal liema l-attur kien qed jippretendi hlas u anke hallset ghall-materjal; fic-cirkostanzi, partikolarment id-diffikulta` li l-partijiet u l-espert jaccedu fil-post in kwistjoni billi inbiegh fil-mori tal-kawza, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti bazata fuq rapport akkurat u dettaljat ta' l-espert minnha mahtur. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija kemm l-appell principali tal-konvenuta, kif ukoll l-appell incidentali ta' l-attur qed jigu michuda u konsegwentement is-sentenza appellata qed tigi konfermata fit-totalita` taghha b'dana li kull parti ghandha tbati l-ispejjz ta' l-appell interpost minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------